MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 775/2005

**Borg Transportation Ltd (C9485)**
**vs**
**Anthony Bezzina (ID655852M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' April, 2005, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' erba mitt lira Maltija (Lm400.00), liema ammont jirraprezenta import ta' kambjala debitament iffirmata u accettata mill-istess konvenut fil-5 t'April, 2000 liema kambjala skadiet fil-5 ta' Lulju, 2000 u kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata Dok.BT1. Nonostante gie nterpellat ihallas, il-konvenut baqa' nadempjenti.**
**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment mal-avviz u bl-imghax bit-8% mid-data tal-iskadenza tal-kambjala sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fl-14 ta' Lulju, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba' mitt lira Maltija (Lm400.00), bl-imghax kummercjali mill-5 ta' Lulju, 2000.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment mal-avviz, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------